# It-Terremot ta' 100 sena ilu

*18 ta' Settembru 1923*

**minn Joseph G Scerri**

Fl-ewwel xhur ta' din is-sena 2023, il-gżejjer Maltin u ċertu nħawi oħra tal-Mediterran esperjenzaw attività seżmika mhux tas-soltu. F'Malta nħassu numru ta' terremoti li għalkemm ma ħallewx ħsara ħlief għal xi movement fil-blat, ħolqu sensazzjonijiet ta' preokuppazzjoni. Iżda fit-Turkija u fis-Sirja sensiela ta' terremoti ħallew ħerba u eluf ta' nies mejta u daqstant ieħor feruti.

Din is-sena qed jitfakkar terremot li seħħ mitt sena ilu u li serva ta' preludju għad-diżgrazzja tal-koppla li seħħet sena wara.

Il-Bażilika ta' San Pawl li naraw illum, mibnija minn Cosmana Navarra bejn l-1653 u l-1683, għaddiet minn aktar minn tlett mitt sena ta' storja. Matul dawn is-snin il-knisja mhux biss ħtiġilha manutenzjoni u tiswija li kull binja jkollha bżonn matul is-sekli, iżda sofriet ukoll inċidenti straordinarji anke jekk matul it-Tieni Gwerra Dinjija kienet waħda mill-ftit knejjes f'Malta li ma ntalqtitx mill-bombi tal-għadu. Il-Bażilika li naraw illum, mibnija barra l-bieb tal-belt il-qadima, eżatt fuq xifer il-foss tal-belt Rumana ta' Melite sofriet ħsarat tal-inqas fi tliet terremoti. Dawn kienu dawk tal-1693, dak tal-1743 u dak li seħħ mitt sena ilu fl-1923.



*Dehra tal-Koppla mibnija minn Lorenzo Gafá fis-seklu 17. (Ritratt: Dun Robbie Calleja - Arkivju Parroċċa - Rabat)*

**L-ewwel terremot - 11 ta' Jannar 1693**

Meta n-Nobbli Cosmana Navarra lestiet il-bini tal-knisja ta' San Pawl fl-1683, hija nkurunata b'koppla barokka mill-isbaħ xogħol l-arkitett Malti Lorenzo Gafà.

Fl-1693 seħħ dak li sallum għadu meqjus bħala t-tieni l-akbar terremot li nħass fil-gżejjer Maltin. Fis-1.30pm[1] tal-11 ta' Jannar 1693, fil-Lvant ta' Sqallija, seħħ terremot li f'Malta hu kalkulat li kellu effet ta' qawwa 7.4 fuq skala Richter (ML).[2]

F'dan it-terremot, li ħalla ħerba fi Sqallija, tant li aktar minn 60,000 ruħ sfaw mejta u tant eluf oħra feruti ntilfu wkoll ħafna binjiet u f'każi oħra bliet sħaħ bħal dik ta' Noto. F'Malta u Għawdex għalkemm ma ġewx reġistrati mwiet, il-ħsarat kienu konsiderevoli ferm tant li dan jibqa' mfakkar bħala l-aktar terremot li ħalla ħsarat mill-1500 sal-lum. L-agħar fost il-ħsarat kienu rappurtati fil-belt medjevali tal-Imdina[3].

Fir-Rabat, il-knisja ta' San Pawl, li kienet ilha għaxar snin lesta, soffriet danni wkoll. Waqa' l-kampnar, l-*apside*[4] tal-kor ċediet ul-koppla sofriet ħsarat kbar.[5] Mir-reġistru li jinsab fl-arkivju parrokkjali jirriżulta li Lorenzo Gafà stess, imniżżel bħala *architettore di detta fabrica*, iddisinja u bena denfil biex isaħħaħ il-ħajt ta' wara l-kor. Dan id-denfil li wieħed għadu jista' jara partijiet minnu fuq wara tal-knisja hu magħmul minn ħajt mastizz imtarraġ. Mastru Salvo Borg mis-Siġġiewi kien inkarigat biex jibni mill-ġdid il-kampnar u Giovanni Barbara kien responsabbli mit-tiswija tal-koppla.[6] Ma nafux eżatt fiex kienet tikkonsiti t-tiswija tal-koppla. Seta' kien dan il-mument li ttieħdet deċiżjoni li tiżżarma l-lanterna? Nafu li Giovanni Barbara ħtieġlu li jmur jitkellem mal-Isqof u għal dan il-għan tħallas tal-ispiża ta' użu ta' kaless. L-injam għal slielem u armar b'saħħtu ġew mixtrija mill-Isla u maħduma mill-iskjavi, trasportati bil-baħar sal-Marsa u mwasslin ir-Rabat. L-inginier responsabbli tax-xogħol kollu kien l-arkitett Lorenzo Gafà li tħallas 10 skudi għad-disiniji u x-xogħol fil-knisja li sar bejn Ġunju u Diċembru tal-1693.[7]

Wara dan it-terremot l-Isqof Davide Cocco Palmieri kien ordna li ssir adorazzjoni bis-Santissimu Sagrament fuq medda ta'ġranet u żewġ purċissjonijiet waħda għall-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat u oħra għall-kappella ta' San Pawl tal-Ħġejjeġ f'San Pawl il-Baħar. Fil-fatt l-isqof u l-kapitlu tal-Katidral flimkien mal-kapijiet tal-Ordnijiet reliġjużi ntrabtu, li kull 11 ta' Jannar ta' kull sena ssir quddiesa kbira fil-Katidral u ssir purċissjoni mill-Katidral sal-Grotta ta' San Pawl li fiha jieħdu sehem is-sekulari u l-kleru kollu tal-Imdina.[8] Ta' min jgħidu ukoll li din il-purċissjoni kienet għadha tinżamm żgur sal-1936, meta nsibu li fil-11 ta' Jannar tal-istess sena, il-Fratellanza tal-Kunċizzjoni mwaqqfa fil-Parroċċa tar-Rabat ħallset sabiex inġarr l-istandart tagħha *nella processione comunemente detta del terremoto*.[9]

**It-tieni terremot - 20 ta' Frar 1743**

Fil-5.30pm tal-20 ta' Frar 1743 seħħ terremot li skont de Soldanis dam għaddej 7 minuti u nofs. Għamel ħafna ħsara f'diversi knejjes f'Għawdex, fosthom f'San Ġorġ u San Ġakbu tar-Rabat u fil-kappella tal-Madonna fil-Qala Għawdex. F'Malta tissemma ħsara fil-Katidral ta' San Ġwann, il-Katidral tal-Imdina u oħrajn. Fil-Katidral tal-Imdina ċediet koppla żgħira li baqgħet nieżla fil-knisja u saret ħsara fil-kor u feġġew xquq wiesgħa tliet ċentimetri fil-koppla. Sa issa ma nstabet l-ebda referenza li f'dan it-terremot ikkawża ħsara fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl tar -Rabat. Iżda ftit snin wara, fl-1753, insibu rapport fuq il-qagħda mwiegħra tagħha[10] indirizzat lil Gran Mastru Pinto, lill-Arċipriet tal-Katidral, Fra Ġwakkin Cannuzzi u lir-Rettur tal-*Fabrica* u tal-*Lampada* tal-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Barra s-Swar tal-Belt Notabile. Dan ir-rapport, magħmul u



*Il-Gran Mastru Pinto. Kwadru fiż-żejt li nsibu fil-Mużew Wignacourt. (Ritratt: Michelle Galea)*

ffirmat quddiem nutar u zewg xhieda, minn Pietru Debono bin Giovanni minn Ħaż-Żebbuġ u Filippu Pace bin Luqa minn Birkirkara, żewġ Periti, jirrappurtaw li huma flimkien ma' tliet mgħallmin esperti fil-qasam, Francesco Zerafa, Giacomo Bianco u Sebastiano Saliba kienu spezzjonaw kif setgħu l-koppla ta' San Pawl u waslu għal dawn il-konklużjonijiet:

i. Kien hemm theddida serja li l-koppla taqa' għaliex kellha xi konsenturi u kienet miftuħa minn diversi bnadi.
ii. L-iċken theżżiża jew sajjetta setgħet tikkaġuna dan.
iii. Jekk din taqa' kienet ser tikkaġuna ħsarat kbar lil dak kollu li jinsab taħtha.

Bħala rimedju dan ir-rapport jgħid li fl-opinjoni ta' min kitbu din il-koppla hi kbira għad-daqs tal-knisja u għalhekk qed jirrakkomandaw li għandha tiġi mħottija u mqassra bejn wieħed u ieħor b'disa' filati u f'dan il-proċess isiru t-tiswijiet neċessarji. Huma jgħidu wkoll li waqt dan ix-xogħol wieħed għandu joqgħod attent għal difetti oħra li huma setgħu ma rawx.

Sallum ma nafu li sar xejn wara dan ir-rapport. Għidut li għadda minn ġenerazzjoni għal ohra hu li l-koppla oriġinali ta' Gafà kellha lanterna li seta' kien minħabba f'dan ir-rapport li żżarmat u baqgħet hekk sal-1919.

Meta wieħed jaqra r-rapport imsemmi, faċli jasal għall-konkluzjoni li l-ħtija hawn qed tintefa' fuq l-arkitett u fid-disinn oriġinali tal-koppla, jiġifieri tax-xogħol li sar waqt il-bini tagħha fi żmien Cosmana Navarra.

Kienu diversi l-ħsarat, fosthom kien ġie indikat li l-koppla ta' San Pawl Barra s-Swar ma kinetx soda għax ma kinitx inbniet sewwa. Ma nafux jekk wara dan ir-rapport kienx sar xi ħaġa dwaru. Li nafu żgur hu li minn meta tlestiet il-koppla sal-1923 Malta ntlaqtet minn xejn inqas minn 23 theżżiża rrappurtati ta' terremoti, li minnhom 10 kienu ta' qawwa aktar minn 5 fuq skala Richter.

### It-tielet terremot - 18 ta' Settembru 1923

Jidher li s-sena 1923 kienet bdiet ukoll b'sensiela ta' terremoti tant li nsibu li fid-19 ta' Jannar ta' din is-sena, Dott. Enrico Mizzi kiteb lill-Prim Ministru Joseph Howard jirrakkomandalu sabiex jiġu mwaqqfa numru ta' kampijiet tal-militar lil Kummissarju ta' Għawdex sabiex jekk jibqgħu jseħħu t-terremoti, l-Għawdxin ikollhom fejn ifittxu refuġju għal matul il-lejl. Din it-talba ma ntlaqgħetx mill-Gvernatur Ingliż għaliex deherlu li ma kienx possibbli wieħed jantiċipa eżatt meta u liema lokalità ser tintlaħaq. Huwa kien tal-fehma li l-aħjar jibqgħu merfugħin f'post ċentrali u jintbagħtu minn hemm meta u fejn ikun hemm il-bżonn.[11]

Fis-7.30 ta' filgħodu tat-Tlieta 18 ta' Settembru 1923 theżżiża qawwija ta' terremot madwar Malta u Għawdex damet sejra bejn 10 u 12-il sekonda. In-nies ħarġu b'paniku kbir fit-toroq speċjalment fit-tlett ibliet tal-Kottonera u fil-


several hotels, etc. The Church of St. Paul outside the walls at Notabile suffered severely, the relatively new cupola gaping while one of the acroteria fell to the ground. The shock was also felt in Gozo and there was also some panic. But, like Malta, beyond cracks to Churches and other buildings no serious damage is reported.

OFFICIAL RECORD.

METEOROLOGICAL OBSERVATORY, University.
Valletta, Malta. 18th September, 1923.

The University Seismograph registered an earthquake shock, whose intensity reached a maximum at 7.30 a.m. local time. This disturbance is indicated by the number 6 of Mercalli's seismic scale. The intensity of the preliminary tremors shifted the pilot lamp out of its position and consequently the initial and final tremors were practically lost. The maximum amplitude of the oscillation was over 9 or 10 millimeters. The needle of the instrument at 8.30 was still oscillating.

DR. THOS. AGIUS.

*The Daily Malta Chronicle tad-19 ta' Settembru 1923, barra li tidher in-nota ta' Dott. Agius, jidher ukoll l-ewwel rappurtaġġ ta' dak li ġara fil-Koppla tal-Knisja tar-Rabat. (Ħajr: Librerija Nazzjonali ta' Għawdex)*

Belt Valletta. Ħafna nies inġabru fil-*parade ground* tal-Furjana, Vjal ir-Re Dwardu u fil-ġnien ta' Rundle f'Għawdex. Jidher li l-aktar li nħass kien fl-Isla u fil-Belt Valletta. Fil-fatt diversi djar, flimkien mal-Bank ta' Scicluna, il-*Garrison Church* ta' ħdejn il-Barrakka ta' Fuq u xi lukandi fil-Belt Valletta sfaw b'xi ħsarat.

Dott. Thomas Agius tal-Osservatorju Meteroloġiku tal-Università ta' Malta f'ittra lid-*Daily Malta Chronicle* tal-għada, 19 ta' Settembru, spjega li s-Sismografu rreġistra li t-terremot laħaq l-ogħla intensità tiegħu fis-7.30am. It-theżżiża kienet indikata li telgħet għal 6 fl-iskala siżmika magħrufa bħala Mercalli.[12] Jgħid ukoll iżda li l-intensità tat-theżżiża kient qawwija tant li affettwat il-mekkaniżmu tas-Sismografu u li fil-fatt minħabba f'hekk ma setgħux jieħdu l-qari eżatt tat-theżżiża[13].

Kienet l-istess gazzetta li l-ewwel li ħabbret li l-akbar ħsara fil-fatt soffrietha l-koppla ta' San Pawl barra swar tal-belt Notabile. Issemmi li kien hemm xquq f'din il-koppla kif ukoll waqgħet waħda mit-tmien gastri bil-fjammi tal-ġebel li kien hemm iżejnu l-lanterna.[14]

Fortunatament għalina, għall-kitba tal-istorja, f'dik l-istess sena, fi żmien il-Kappillan Nerik Bonnici, fuq inizjattiva tiegħu bdiet tiġi ppubblikata rivista Parrokkjali kull xahar bl-isem *Tagħlim għal Ġid*. F'din ir-rivista għandna rakkonti ta' dak kollu li ġara relatat mad-diżgrazzja tal-koppla. F'din ir-rivista fil-ħarġa ta' Ottubru nsibu nota żgħira li laħqu stampaw dwar it-terremot u fiha rrappurtaw li l-Isqof Mauro Caruana kien ordna biex il-Ħadd ta' wara t-18 ta' Settembru, wara l-quddiesa kantata kellu jiġi kantat it-Te Deum b'ringrazzjament "*l'Alla l-Imbierec li helisna mil castighi Tieghu.*"[15] Rigward il-ħsara tal-koppla u l-ħsara l-oħra li saret fil-knisja ta' Virtù, ir-rivista tgħid li kienu ser jitkellmu f'ħarġa oħra.

Fil-ħarġa ta' Novembru mbagħad ingħata tagħrif dwar il-ħsara li kienet tidher.[16] Fil-fatt l-artiklu jitkellem fuq sebat ixquq wisgħin minn nofs pulzier sa ħames pulzieri u jsemmi wkoll li ġrat ħsara fil-knisja tal-Virtù, knisja filjali tal-Parroċċa. Iżda l-ħsieb ewlieni ta' dan l-artiklu kien biex iħeġġeġ lin-nies jikkontribwixxu għall-ispejjez kbar biex issir it-tiswija li kienet meħtieġa. Jissemmew li tqassmu karti b'kitbiet ta' appell fil-knisja u tħabbar li ser issir Fiera Kbira għal dan il-għan. Jagħmel appell ukoll biex kull min seta' jaħdem oġġetti biex jittellgħu fil-fiera seta' jagħmel dan u fil-fatt kien qed jingħata permess biex dan ix-xogħol seta' jsir ukoll nhar ta' Ħadd. Rigward il-finanzi għall-ħsara fil-kapella tal-Virtù l-artiklu jsemmi li kien ser isir appell fil-gazzetti għall-ġbir minn Malta kollha. Dan peress li din il-kapella kienet ta' importanza nazzjonali peress li ftit tas-snin qabel fl-1900, kienet tqiegħdet statwa ta' Kristu Salvatur miġbura minn Malta kollha.

Iżda deskrizzjoni eżatta ta' x'ġara dak inhar tat-terremot fit-18 ta' Settembru 1923 tinsab miktuba fil-ħarga ta' Mejju 1925 meta wara li jirrakonta x'inħass waqt it-terremot ikompli:

*Mal hasda greina lein il Campnar u mitlufin mis-sensi taghna irmajna indokku il kniepel biex inseihu l'ghainuna leuuel tas-sema u imbghad tal poplu, sa ma gieu xi nies u hadulna il hbula min ideina u halleuna scapli. Hecc chif sibna ruihna mehlusa, hsiebna dritt f'Gesu' Sacramentat u tirna lein l'Altar Maggiur, izda sibna li is-Sacrament gia' chien imuarrab u kighed fisgur u il cursija tal Cnisia mimlija bin-nies.*

*Harisna lein il Coppla u tuahhaxna x'hin sibniha miftuha min sitt cunsinturi uahda icbar mill ohra specialment dic ta fuqk is-Salib tal Cleru li chella xi filsa mahrugin il barra u imdendlin biex jakghou. Malajr ordnajna lin-nies johorgiu il barra u tlabna il-Perit tad-Distrett li chiecu jinvista il hsara bir-rekka u jara jecc chienetx fi krib periclu*



Il-gastri bil-fjammi li kienu jżejnu l-lanterna tal-koppla mibnija fl-1919 mill-Perit Karm Micallef. Waħda minnhom inqalbet għal fuq iz-zuntier fit-terremot tal-1923. (Ritratt: Arkivju Parroċċa - Rabat)



*Ritratt tal-koppla minn ġewwa fejn tidher il-pittura ta' Giuseppe Calì fejn jidhru wkoll diversi konsenturi, ħamsa minnhom kbar li ġew ikkawżati mit-terremot tal-1923. (Ritratt: Kaptan Corey - Arkivju Parroċċa - Rabat)*

*ghan-nies li jistghou jidhlu tahta. Il Perita uara li fliha seuua kaahha li ma chienetx ta periclu, jecc ma jnkalax xi hagia ohra u li tista il Cnisia tekpa mizjura minn-nies.*

Dakinhar stess b'ringrazzjament 'l Alla, il-Kappillan Bonnici sejjaħ lir-Rabtin għal siegħa adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat b'ringrazzjament talli ma' weġġa' ħadd. L-għada ġie nfurmat l-Isqof u bdew id-diskussjonijiet ma' diversi Periti biex jaraw x'għandu jsir. Il-ħsara kienet tidher kbira. Il-Kappillan Bonnici jgħid li s-sitt kunsinturi barra oħrajn żgħar kienu jidhru sew minn gewwa tal-koppla l-qadima. Erbgħa minnhom kienu jibdew minn taħt il-kullarin tal-lanterna, jaqsmu l-gwarniċun għat-tambur, jinżlu min-nofs għall-ħnejjiet ta' erbat itwieqi minn tal-koppla, dawk li jinsabu fuq kull pilastru maġġur. Il-kunsentura tal-pilastru tan-naħa tas-sagristija kienet wiesgħa madwar 4 pulzieri (10.6cm) filwaqt li gebla li kienet qrib ras San Pawl fil-pittura tal-koppla ħarġet madwar pulzier (2.5cm) 'il barra. Kienet xorti kbira li l-għada tat-terremot kien għaddej mir-Rabat fizzjal tas-servizzi Ingliżi, Captain Corey ma' dak li l-Kappillan Bonnici jirreferi għalih bħala '*habib taghna*' li flimkien kienu qed jistudjaw fl-Università ta' Edinburgh fl-Iskozja, u ġibed ritratt tal-koppla minn ġewwa.[17] Dan sal-lum huwa l-uniku ritratt li nafu bih li fih tidher il-pittura tal-artist Gużeppi Calì. Din il-pittura kienet turi l-apoteożi ta' San Pawl.


*Dun Nerik Bonnici, Kapillan tar-Rabat li kellu jaffaċċja l-ħsarat tat-terremot u dak kollu li seħħ wara. Ritratt miġbud fl-1923. (Ħajr: Arkivju Nazzjonali ta' Malta)*

Minn barra, fil-koppla l-ġdida (tal-1920), kienu jidhru konsenturi jmissu mal-kustilji u 'l fuq mit-twieqi. Konsenturi akbar kienu jidhru 'il fuq mill-gwarniċun fejn xpakkaw iċ-ċjavi tal-ħnejjiet tat-twieqi fit-tanbur, speċjalment tat-tnejn li jħarsu fuq in-naħa ta' wara. Jidher li l-Perit, awtur tal-koppla l-ġdida tal-1920, Carmelo Micallef kien saħaq mal-Kappillan Bonnici biex tittieħed azzjoni immedjata ħalli jiġu mkaħħla l-konsenturi li kienu jidhru fuq barra biex hekk jiġi evitat l-infiltrazzjoni ta' ilma tax-xita

Il-Kappillan Bonnici eżatt wara t-terremot qabbad lill-Perit Emmanuele Borg sabiex jeżamina l-ħsara u jipproponi rimedji. Fil-25 ta' Settembru 1923 il-Perit Borg ippreżenta rapport b'dawn ir-rakkomandazzjonijiet:

1. Tigi mħottija u mibnija mill-ġdid il-koppla l-qadima (ta'ġewwa)
2. Isiru t-tiswijiet tax-xquq tal-koppla ta' barra
3. Jiġu imbarrati bil-ġebel it-twieqi tat-tanbur tal-koppla li kellhom il-ħsara
4. Isir ix-xogħol l-ieħor ta' tiswijiet żgħar.

Huwa ddikjara li dan kollu kellu jkun xogħol li jsir b'urġenza.


*Emmanuel Borg, l-ewwel perit li ntalab jeżamina l-ħsara wara t-terremot tal-1923. (Ħajr: Arkivju Nazzjonali ta' Malta)*

Ftit wara l-Kappillan Bonnici bil-ħsieb li jkollu t-tieni parir dwar il-ħsara, talab lill-Perit Andrea Vassallo sabiex hu wkoll jeżamina u jagħmel rapport tal-ħsara bir-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Vassallo ppreżenta tali rapport fid-9 ta' Diċembru 1923 u fih irrikkomanda li x-xogħol meħtieġ kien urġenti għaliex il-qagħda tal-koppla kienet waħda perikoluża. Hu rrakkomanda li;

1. Għandu jsir ċintorin tal-ħadid magħmul minn żewġ biċċiet li jdur mal-bażi tal-iskutella tal-koppla.
2. Jiġu msewwija x-xquq bil-konkrit u jitħallbu bis-siment
3. Bejn iż-żewġ skutelli taż-żewġ koppli, dik ta' barra u dik ta' ġewwa kellu jimtela b'konkos rinfurzat bil-ħadid imqiegħed kull sitt pulzieri sa għoli ta' 14-il pied 'il fuq mill-gwarniċun sabiex jiġi massa sħiħa ta' konkos.

Il-Kappillan Bonnici minħabba li ra li r-rakkomandazzjonijiet taż-żewġ Periti ma kinux jaqblu fuq x'intervent għandu jsir fuq il-koppla ta' ġewwa ħa l-parir tal-Isqof Mauro Caruana u talab lil Perit Godwin

Galizia biex jeżamina l-koppla u wara li jara x'kienu rrakkomandaw iż-żewġ Periti l-oħra joħroġ bir-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Galizia f'rapport datat tat-18 ta' Dicembru 1923 irrakkomanda hekk;

1. Li tiġi mħottija għal kollox il-koppla ta' ġewwa filwaqt li jsir iċ-cintorin tal-ħadid fuq barra tagħha kif kien irrakkomanda l-Perit Vassallo. Hu qal li hekk tiżdied ir-reżistenza tal-pressjoni li ż-żewġ koppli kienu qed jagħmlu 'il barra. Hu qal ukoll li jiġi evitat il-mili tal-konkrit kif kien ippropona l-istess Perit.
2. Wara dan kellu jsir it-tiswija tax-xquq kif kien propost minn Borg u Vassallo.

Wara dan, Bonnici meta ra li r-rakkomndazzjonijiet ta' Galizia kienu jaqblu ħafna ma' ta' Vassallo qabbad lil dan tal-aħħar biex jibda x-xogħol tar-restawr. Bħala kuntrattur ġie mqabbad ir-Rabti Salvu Sapiano magħruf bħala *tal-Bagni*. Iżda dawn ix-xogħlijiet ma setgħux jibdew qabel Ġunju tal-1924 għaliex il-biċċiet taċ-ċirku tal-ħadid ġew ordnati barra minn Malta u kellhom jistennewhom jaslu.

Wara li l-koppla ntrabtet bi ċrieki tal-ħadid imqiegħda fuq il-gwarniċun beda x-xogħol tat-tiswija tat-twieqi. Dan kien jikkonsisti f'tibdil tas-samrotti tat-twieqi b'oħrajn ta' daqs akbar biex ikunu aktar b'saħħithom kif ukoll ta' partijiet mill-gwarniċuni ta' barra u ta' ġewwa. Dawn ix-xogħlijiet kienu mxew ġmielhom u laħqu tlestew erbgħa minn ħamest itwieqi li kellhom il-ħsara. Nhar is-Sibt 29 ta' Novembru tal-1924 kien għadu għaddej ix-xogħol fil-ħames tieqa. Kien diġà tneħħa l-ġebel il-qadim biex jinbidel b'samrotti ġodda. Iżda dan ma laħaqx tqiegħed għax kienet waslet is-siegħa li f'nofs maltempata bix-xita, il-koppla ċċedi u ħalli distruzzjoni u ħsara kbira li fuqha nitkellmu aħjar fil-ħarġa ta' din ir-rivista s-sena d-dieħla.

Sadanittant sabiex tibqa' għaddejja t-tiswija baqgħu jsiru appelli regolari għall-fondi u saru wkoll xi fieri għall-istess għan. Saru fil-fatt żewġ fieri kbar fl-iskola primarja li waħda minnhom nafu li nżammet il-Ħadd 26 ta' Ottubru 1924. F'Settembru nsibu miktub hekk dwar din il-fiera:

"*Ghandna tama cbira li din il-Fiera tirnexxi u tnehhilna ftit mid-dueijak li ninsabu fihom ghaliex ninsabu maghfusin hafna u l-liri hergin culljum. Sa issa x-xogħol li kieghed isir fil coppla seijer taieb hafna u ghandna mitt sena narauha kauuija u shieha. Ghal din il Fiera gia inghakdu zeug cumitati, tar-rgiel u tan-nisa u culhadd jidher li behsiebu imitt idu mill ahiar.*"

Interessanti l-fatt li l-parteċipazzjoni tan-nisa kienet attiva tant li ffurmaw kumitat għalihom. Fis-snin għoxrin din kienet xi ħaġa eċċezzjonali għaliex nafu li l-partecipazzjoni tan-nisa ma kinitx kif nafuha llum. Il-fiera kienet tikkonsisti f'li jiġu ppreżentati numru kbir ta' rigali li kienu jikkonsisti f'oġġetti li jintużaw fid-djar bħal bjankerija – ložor, investi, kutri u tvalji. Kien ikun hemm ukoll għadd ta' ġugarelli maħdumin bl-idejn għat-tfal, li però dawn ir-rigali kollha kellhom jiġu maħdumin bl-idejn minn qabel minn għadd kbir ta' nisa u rgiel. In-nisa ħafna drabi kienu jaħdmu d-drapp inkluż xogħol bil-ganċ, ċombini u ħjata fid-djar tagħhom. L-irġiel kienu jaħdmu l-ġugarelli minn injam, landa u materjali



*Andrea Vassallo, it-tieni perit li ntalab jeżamina l-ħsara wara t-terremot tal-1923. (Ħajr: Arkivju Nazzjonali ta' Malta)*



*Godwin Galizia, it-tielet perit li ntalab jeżamina l-ħsara wara t-terremot tal-1923. (Ħajr: Arkivju Nazzjonali ta' Malta)*



*Salvu Sapiano, kuntrattur Rabti magħruf bħala* ***tal-Bagni****, li ġie mqabbad jagħmel it-tiswijiet meħtieġa wara t-terremot tal-1923. (Ritratt: Arkivju Parroċċa - Rabat)*





*Tnejn minn tminn partijiet ta' ċirku tal-ħadid li bih ġiet imdawra l-koppla, li ġie ordnat u impurtat minn barra minn Malta. Dawn għadhom jeżistu sal-lum u tnejn minnhom jinsabu esebiti fil-Mużew Wignacourt. (Ritratt: J G Scerri)*

oħra. Dan ix-xogħol ħafna drabi kien isir fil-maħżen ta' taħt il-knisja li kienu jsibuh bħala l-*Foss*. Dan ix-xogħol kien jiġi mmexxi minn dan il-kumitat li finalment kien ikun inkarigat ukoll biex jarma l-klassijiet tal-iskola għal din il-fiera li kienet tinkludi wkoll għadd ta' logħob ieħor għat-tfal u l-kbar.

Nafu li din il-fiera ta' Ottubru 1924 kienet suċċess kbir. Il-ġurnata kienet waħda sabiha b'temp li ppermetta wara xi ġranet ta' maltemp u xita. L-iskola ġiet imżejna. Il-Banda Konti Ruġġieru daqqet għall-okkażjoni u bis-saħħa t'hekk inġabru ħafna nies. Intużaw erba' kmamar kbar u l-bitħa tal-iskola, iżda dawn xorta ma wesgħux lin-nies kollha li riedu jidħlu. Tant kienet suċċess li wara li tħallsu l-ispejjeż kollha kien fadal qliegħ ta' £ 280 .17 .7 .[18]

Is-Sur J Mallia Pulvirenti, benefattur tal-Kappella tal-Virtù ġabar is-somma ta' 60 lira sterlina li kien maħsub li kellha tagħmel tajjeb għall-ħsara kollha li sofriet din il-kappella. Dawn ġew mgħoddija lill-prokuratur tal-kappella, Dun Gużepp Formosa.[19] F'Awwissu tal-1924 ġie rrappurtat li l-ħsara f'din il-knisja kienet kważi ssewwiet kollha.[20]

## Att ġeneruż mir-Rabtin tal-Amerika

Is-snin ta' wara l-ewwel gwerra dinjija ġabu magħhom żmien ta' faqar u nuqqas ta' xogħol. Dan ġab miegħu l-ħtieġa li xi Maltin ifittxu xortihom barra minn xtutna. Minn dawn kien hemm numru kbir ta' Rabtin li jidher li l-maġġoranza tagħhom sabu dan ir-refuġju fl-Istati Uniti tal-Amerika l-aktar f'Detroit fl-istat ta' Michigan, fejn l-industrija tal-bini tal-karozzi u industriji oħra marbutin ma' dan kienu fl-aqwa tagħhom.

Il-Kappillan Bonnici kien diġà, ftit qabel it-terremot, ikkomunika ma' grupp imdaqqas minn dawn l-emigranti Rabtin sabiex jgħinuh finanzjarjament sabiex titwettaq il-ħolma tal-pittura tal-knisja, li sa dakinhar kienet għadha mingħajr pittura tas-saqaf tal-korsija, tal-kor u tal-kapelluni. Malli nqalgħet il-ħsara tat-terremot il-Kappillan kiteb lil dawn l-emigranti sabiex il-ġbir jiġi użat għal din il-ħsara fil-



*It-tiswija li saret fit-tieqa tal-koppla ta' fuq il-pilastru maġġur fuq in-naħa tax-xellug tal-Altar Maġġur. (Ħajr: Arkivju Nazzjonali ta' Malta, Kollezzjoni Sciortino)*



*It-tiswija li saret fit-tieqa tal-koppla ta' fuq il-pilastru maġġur fuq in-naħa tal-lemin tal-Altar Maġġur. (Ritratt: Arkivju Parroċċa - Rabat)*



*It-tiswija li kienet għadha għaddejja propju dakinhar tad-29 ta' Novembru 1924 fuq it-tieqa tal-koppla li hemm fuq il-pilastru maġġur tal-pulptu. (Ritratt: Arkivju Parroċċa - Rabat)*

koppla li ma kinitx mistennija. Ir-Rabtin ta' Detroit immexxija minn Francesco Ciantar u Salvu Vella Borg irnexxielhom jiġbru s-somma ta' 244 dollaru Amerikan minn għand 47 persuna. L-ismijiet ta' dawk li kkontribwixxew ġew stampati fir-rivista *Tagħlim għal Ġid* tal-ħarġa ta' Marzu 1924. Fl-istess ħarġa ġie mħabbar li l-emigranti Rabtin f'San Francisco fl-istat Amerikan ta' California wkoll irnexxielhom jiġbru s-somma ta' 50 dollaru għall-istess għan minn fost tmienja min-nies Rabtin. Din is-somma ġiet miġbura bl-inizjattiva ta' Antonio Borg.

F'dan l-artiklu ta' din is-sena tkellimna fuq it-terremot tal-1923. Is-sena d-dieħla nittamaw li nkunu nistgħu nelaboraw fuq l-inċident tal-waqgħa tal-koppla propju f'għeluq il-mitt sena minn meta seħħ. Ħafna minna jiftakru t-tifkira li kienet saret fl-1974 f'għeluq il-ħamsin sena. Nittamaw li nkunu nistgħu niktbu xi ħaġa fuq dawk iċ-ċelebrazzjonijiet ukoll. Il-waqgħa tal-koppla tibqa' l-agħar inċident li minnu għaddiet il-parroċċa tar-Rabat. Iżda tajjeb niftakru li sa minn dejjem ġie rikonoxxut ukoll li l-inċident innifsu seta' kien ħafna agħar. Il-poplu mmexxi mill-kleru sa minn dejjem għaraf li din id-diżgrazzja ġarret magħha grazzja kbira li ma korra ħadd u li l-inċident ma ħalliex vittmi.



*It-tiswijiet li saru fit-twieqi ta' fuq il-pilastri maġġuri li hemm fuq in-naħa tal-Kappellun ta' San Stiefnu. (Ritratt: Arkivju Parroċċa - Rabat)*



*Salvu Vella Borg, Rabti emigrant f'Detroit fl-Amerika li flimkien ma' Francesco Ciantar ġabru mingħand emigranti oħra ammont ta' flus biex jgħinu fl-ispejjeż tat-tiswija tal-koppla. (Ħajr: Arkivju Nazzjonali ta' Malta)*



*Antonio Borg, Rabti emigrant f'California fl-Amerika li flimkien ma' emigranti Rabtin f'California ġabar ammont ta' flus sabiex jgħinu fl-ispejjeż tat-tiswija tal-koppla. (Ritratt mis-sit elettroniku: Maltese Immigrants to the San Francisco Bay Area)*

*Nota: Ringrazzjament speċjali lil Dr. Petra Caruana Dingli għall-kollaborazzjoni tagħha f'din ir-riċerka.*

## Referenzi:

[1] (A)rkivju Storiku (P)arrocca San Pawl (R)abat, CLF/4, *Fabrica di San Paolo* (1693-1705). Foglio 92 jibda elenku sħiħ u dettaljat tal-ħruġ kollu tal-ispejjeż marbuta mal-ħsarat li sofriet il-knisja f'dan it-terremot. Mal-ġenb tidher nota li tgħid li dan it-terremot li seħħ fis-sagħtejn ta' wara nofsinhar tal-11 ta' Jannar ħalla ħsarat f'ħafna knejjes ta' Malta nkluż dik ta' San Pawl tar-Rabat.

[2] Galea P., Seismic history of the Maltese Islands and considerations on seismic risk, *Annals of Geophysics*, Vol 50, N.6, December 2007, p.725-740.

[3] ibid

[4] L-*apside* hija dik il-parti ta' fuq it-titular fejn illum hemm il-pittura ta' San Pawl fil-glorja.

[5] Ellul, M The Earthquake of 1693 -A Historical Survey, Azzopardi, and Azzopardi, J. *Mdina and the Earthquake of 1693*. Malta: Heritage, 1993. p.37

[6] APR, CLF/4 f.138r.

[7] Ibid ff,103v, 103r 121r.

[8] ACM Ms.62, f.92

[9] 9 APR, cic/6f.118

[10] vii ACM. Misc 377. F 7

[11] NAM Head of Ministry file no 44/23.

[12] Daily Malta Chronicle, 19 ta'Settembru 1923. p.3

[13] ibid.

[14] ibid

[15] Tagħlim għal Ġid, no 10, Ottubru 1923. p.160

[16] Tagħlim għal Ġid, no 11, Novembru 1923. p.164

[17] Tagħlim għal Ġid, no 5, Mejju 1923. p.66

[18] Tagħlim għal Ġid, no 11 Novembru 1924. p 162

[19] Tagħlim għal Ġid, no 1 jannar 1924, p.3

[20] Tagħlim għal Ġid, no 8 Awissu 1924, p.126